# Beati u Qaddisin....Jannar

BEATU CLAUDIO DI SAN ROMANO
(patri ta' l-Ordni tal-Mercedarji)




26 ta' Jannar.

Claudio di San Romano twieled gewwa Santa Lucia di Piave fil-Veneto fis-sena 1283. Sa minn tfulitu kien bniedem ta' ezempju u sabieh fid-dehra.

Ta' 25 sena dahal fl-Ordni tal-Mercedarji, imwaqqfa minn San Pietro Nolasco, bl-iskop li jinhelsu l-iskjavi nsara minn taht idejn il-Mislem. Claudio gie ordnat sacerdot u fis-sena 1320 gie nominat redentur, jigifieri

bniedem responsabbli mill-helsien ta' l-iskjavi. Mibghut gewwa l-Marokk huwa hadem biex jehles lill-povri ilsiera nsara. Grazzi ghall-kwalita' helwa tal-kif kien imur man-nies, kien onorat mir-re Miramolino, li tah is-setgha li jillibera hafna skjavi.
Fis-sena 1324 Claudio gie maqbud mill-musulmani u mehud gewwa Fez. Hawn kien mitfugh il-habs ghal tlett snin u anke torturat. Waqt li kien il-habs, Claudio kompla jippridka l-Vangelu lil shabu prugunieri. Fis-sena 1327 Claudio gie liberat u seta' jirritorna lejn pajjizu, l-Italja.
Miet gewa Barcellona fis-sena 134 fl-eta ta' 65 sena. Il-Beato Claudio di San Romano huwa venerat bhala martri ta' l-imhabba. Il-festa tieghu hija celebrata fis-26 ta' Jannar.